Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,501, 5 ta' Settembru, 2025
Taqsima B

A.L. 192 tal-2025

ATT DWAR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IX-XOGĦOL (KAP. 646)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Proċeduri fir-rigward tal-Ħruġ ta' Penali Amministrattivi) (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 45 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà Fuq ix-Xogħol, il-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Proċeduri fir-rigward tal-Ħruġ ta' Penali Amministrattivi) (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Proċeduri fir-rigward tal-Ħruġ ta' Penali Amministrattivi), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 646.26.

Jemenda l-Iskeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fl-Iskeda II li tinsab mar-regolamenti prinċipali l-kliem,

"Kwalunkwe appell imressaq minn kwalunkwe persuna wara deċiżjonijiet, ordnijiet, jew strumenti amministrattivi maħruġa mill-Awtorità	450"

għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem,

"Kwalunkwe appell imressaq minn kwalunkwe persuna wara deċiżjonijiet, ordnijiet, jew strumenti amministrattivi maħruġa mill-Awtorità	150".